MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 935/2011

**Henry Victor magħruf bħala Envic Galea**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta’ Settembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

*L-Oġġett tal-kawża*

Din il-kawża qegħda ssir għaliex ir-rikorrent għandu nteress li jiġi korrett l-Att tat-twelid tiegħu kif ukoll l-Att taż-Żwieġ tiegħu ma’ Doris nee’ Dalli, kif ukoll l-Atti tat-Twelid ta’ wliedu Louise Galea u ibnu Alexander Galea.

*Ir-Raġuni għat-Talba*

L-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jġib in-numru progressiv 8219 tas-sena 1950, li huwa hawn esebit bħala dokument "A" juri ismu mniżżel fil-ħames kolonna bħala Henry Victor Alfred Joseph. Bħala fatt ir-rikorrent kienminn eta' żgħira u minn dejjem magħruf kemm mill-familja tiegħu kif ukoll minn ħbieb u qraba bħala Envic. Dan ukoll huwa l-isem li huwa magħruf bih fin-negozju, kif ukoll fil-kariga tiegħu ta' segretarju ġenerali tal-European Judo Union. F'dan ir-rigward qegħdin jiġu esebiti żewġ affidavits ta' ħutu Edwidge Dimech bil-karta t'Identita' numru 970744M u Joan Chetcuti bil-karta t'identita' numru 607853M u Rose Clasby bil-karta t'identita' numru 694759M bħala dokumenti "B", "C" u "D";

Fuq il-passaport l-antik tiegħu huwa kien imniżżel bħala Enrico Vittorio iżda fuq il-passaport il-ġdid ismu jirrifletti dak li hemm fuq l-Att tat-Twelid esebit u ċjoe' Henry Victor. Fuq il-karta tal-identita' preżenti huwa mniżżel bħala Enrico Vittorio k/a Envic.

Illi huwa għandu nteress illi kemm jista' jkun malajr, jiġi reġistrat l-isem ENVIC bħala ismu in sostituzzjoni tal-ismijiet "Henry Victor Alfred Joseph" li jidhru fil-ħames kolonna tal-Att tat-Twelid hawn esebit;

Illi *inoltre* huwa għandu nteress illi wkoll reġistrat l-isem ENVIC fit-tieni kolonna tal-Att taż-Żwieġ (bin-numru progressiv 535 tas-sena 1979) li kopja tiegħu hi esebita u mmarkata bħala dokument "E", kif ukoll fit-tieni kolonna tal-Atti tat-Twelid ta' wliedu Louise Galea (bin-numru progressiv 2979 tas-sena 1983) u Alexander Galea (bin-numru progressiv 4522 tas-sena 1985) liema Atti tat-Twelid huma hawn ukoll esebiti u mmarkati bħala Dokument "F" u "G", u dana in sostituzzoni għall-ismijiet li jidhru fid-diversi dokumenti fil-kolonni riferiti;

*It-Talbiet*

Għal dawn il-motivi r-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *ai termini* tal-artikolu 253 (2) tal-Kap 16 hi tordna

lill-konvenut direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq dan ir-reġistrazzjonijiet korrettorji:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li r-rikorrenti kien konsistentement imsejjaħ u magħruf bl-isem ‘Envic’ u mhux ‘Henry Victor’ kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tiegħu.

2. Illi fl-Att tat-twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv 8219 tas-sena 1950 fil-ħames kolonna intestata “ismijiet mogħtijin” kif ukoll fis-sitt kolonna intestata “isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” jitneħħew l-ismijiet Henry Victor Alfred Joseph u jiġu sostitwiti bl-isem ENVIC;

3. Illi fl-Att taż-żwieġ bin-numru progressiv 535 tas-sena 1979 ta’ bejn ir-rikorrent u martu Doris nee’ Dalli, fit-tieni kolonna jitneħħew l-ismijiet Henry Victor u jiġu sostitwiti bl-isem ENVIC;

4. Illi fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 2979 tas-sena 1983 ta’ Louise Galea, fit-tieni kolonna jitneħħew l-ismijiet Enrico Vittorio u jiġu sostitwiti bl-isem ENVIC;

5. Illi fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 4522 tas-sena 1985 ta’ Alexander Galea, fit-tieni kolonna jitneħħew l-ismijiet Enrico Vittorio u jiġu sostitwiti bl-isem ENVIC;

Il-konvenut jibqa’ nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fl-24 ta’ Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi *in vena* preliminari wkoll, huwa essenzjali li t-talba tar-rikorrenti kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tagħha tiġi <u>preċeduta</u> minn talba oħra separata li permezz tagħha titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li r-rikorrenti kien konsistentement imsejjaħ u magħruf bl-isem ***'Envic'*** u mhux ***'Henry Victor'*** kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tiegħu;

Illi bla ħsara għal fuq espost, a rigward l-ewwel talba l-esponent jixtieq umilment iġib a konjizzjoni tar-rikorrenti li huwa għandu jitlob għal-bidla minn isem Henry Victor għal isem Envic mhux biss fil-kolonna intestata *"ismijiet mogħtijin"* iżda wkoll f'dik il-kolonna intestata *"isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"*. Dan peress li inkella r-rikorrenti xorta waħda ser jibqa' jiġi msejjaħ bħala Henry Victor *nonostante* l-bidla. Għaldaqstant, l-esponenti jistieden lir-rikorrenti jitlob, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, korrezzjoni f'dan ir-rigward;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi madankollu, mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess Remigio Vincent li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Frar 2012 ġiet awtoriżżata ż-żieda ndikata fl-okkju u l-kawza tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-attur dejjem kien magħruf bħala **Envic** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawza jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------